# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 306/02**

**Numru**

**Rohan Motors Limited**

**vs**

**Martin u Phyllis konjugi Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef tmien mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm4,831) oltre l-imghax legali rapprezentanti somom dovuti skond hamsa u erbghin (45) kambjali ffirmati mill-konvenuti bhala parti mill-prezz ta' vettura Perodua Rusa bin-numru ta' registrazzjoni EBD-165 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejejz inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Dicembru 2001 u tal-mandat ta' qbid ipprezentat mal-avviz.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat li l-kambjalijiet imsemmijin fl-avviz ma gewx esebiti fl-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-12 ta' Gunju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm4,831.00,0 bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 2001 u tal-mandat ta'qbid kawtelatorju tad-9 ta' Mejju 2001, imsemmi fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg